# NEMEL....

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

Serbut sewdieni jserrep kollu ħajja,
tiela' mal-ħajt: min bieżel
jitbewwes ma' min nieżel,

u min tagħbija jqandel jew jitlajja;
farrada u qtajja'...

Ħsieb wieħed għalenija: tiġbru l-muna,
bħal aħwa lkoll iġġorru,
fis-skiet id-dwejra tmorru...

U sa ma targa' tfiġġ il-qiegħa sħuna
tibqgħu midfuna!

Fil-għaqda l-hena tagħkom. Serħ u ħidma
bejnietkom taqsmu ġwejda.
Miġbura fuq il-mejda

ma tiġġildux min jieħu l-akbar gidma...
Għajxien bla nidma!

U kollox ta' kulħadd u xejn ta' wieħed!
Il-għira, l-ġlied, il-ħsara,
tal-bniedem il-għamara...

O kieku d-dinja, li taf biss tissieħet,
minnkom titgħallem!

28. 1. 46.